Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0096

L-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta’ ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta’ kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-26 ta’ Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta’ ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta’ kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (COM(2025)0471 – C10-0193/2025 – 2025/0261(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0069/2026).

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Ordni Eżekuttiva 14257 tat-2 ta' April 2025 bit-titolu "Regulating Imports With a Reciprocal Tariff To Rectify Trade Practices That Contribute to Large and Persistent Annual United States Goods Trade Deficits" (Ir-Regolamentazzjoni tal-Importazzjonijiet b'Tariffa Reċiproka biex Tirrettifika l-Prattiki Kummerċjali li Jikkontribwixxu għal Defiċits ta' Oġġetti Kummerċjali Annwali Kbar u Persistenti tal-Istati Uniti), il-President tal-Istati Uniti, Donald J. Trump, iddikjara emerġenza nazzjonali li rriżultat minn kundizzjonijiet riflessi f'defiċits ta' oġġetti kummerċjali annwali kbar u persistenti tal-Istati Uniti u li l-Istati Uniti kellhom l-għan li jibbilanċjaw mill-ġdid il-flussi kummerċjali globali billi jimponu dazju ad valorem addizzjonali fuq l-importazzjonijiet kollha mis-sħab kummerċjali kollha, bil-possibbiltà ta' xi eċċezzjonijiet. Dawk il-miżuri tariffarji tal-Istati Uniti kienu jinkludu tariffa bażi ta' 10 % fuq l-importazzjonijiet kollha, b'tariffi addizzjonali speċifiċi għall-pajjiż ikkalkolati abbażi ta' bilanċi kummerċjali bilaterali. Għall-Unjoni, dan kien ifisser tariffa ta' 20 % fuq il-biċċa l-kbira tal-prodotti, b'effett mid-9 ta' April 2025, minbarra t-tariffi introdotti

	mill-ġdid preċedentement ta’ 25 % fuq l-azzar u l-aluminju implimentati fit-12 ta’ Marzu 2025. Fid-9 ta’ April 2025, il-President Trump ħabbar waqfa ta’ 90 jum fuq l-implimentazzjoni sħiħa ta’ dawk it-tariffi, li naqqset ir-rata tariffarja tal-Unjoni minn 20 % għal-linja bażi ta’ 10 %. It-tariffi ta’ 25 % fuq l-azzar, l-aluminju u l-karozzi baqgħu fis-seħħ u sussegwentement żdiedu minn 25 % għal 50 %, b’effett mill-4 ta’ Ġunju 2025. Barra minn hekk, fit-12 ta’ Lulju 2025, il-President Trump ħabbar tariffi ġodda ta’ 30 % fuq l-oġġetti tal-Unjoni, b’effett mill-1 ta’ Awwissu 2025. Dawn l-iżviluppi enfasizzaw l-importanza li jiġi stabbilit qafas stabbli li fl-aħħar mill-aħħar iwassal għad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar il-Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat tal-21 ta’ Awwissu 2025.

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(1b) Bħala riżultat tal-miżuri tariffarji adottati mill-Istati Uniti u dawk previsti, ġie stmat, permezz ta’ analiżijiet ekonomiċi, li l-Unjoni tista’ tiffaċċja tnaqqis tal-prodott domestiku gross (PDG) ta’ bejn 0,2 % u 0,8 %. L-impatt fuq is-swieq finanzjarji kien evidenti minħabba volatilità akbar, b’riskji partikolari**

	għas-setturi tal-Unjoni dipendenti ħafna fuq l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti, bħas-settur awtomobilistiku, farmaċewtiku u tal-makkinarji.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Barra minn hekk, l-Unjoni qed tiffaċċja theddida akuta u dejjem akbar, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, marbuta mar-ritorn tal-kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa. B'reazzjoni għal dik l-isfida li qed teskala, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex tiżgura l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha, inkluż billi tikkonsolida s-sħubija trans-Atlantika profonda u komprensiva tagħha fl-oqsma tas-sigurtà, ir-reżiljenza u l-kooperazzjoni industrijali filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tagħha stess, inkluż f'setturi rilevanti għall-industriji tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni. Dawn il-kapaċitajiet imsaħħa jeħtieġu stabbiltà u prevedibbiltà f'kooperazzjoni ma' sħab ewlenin, b'mod partikolari l-Istati Uniti. Huwa biss permezz ta' sħubija affidabbli u adattabbli li l-Unjoni tista' tiżgura t-tħejjija kollettiva tagħha u tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi ġeopolitiċi attwali b'rispett sħiħ lejn l-

	interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha. Barra minn hekk, it-tnaqqis tat-tariffi fuq l-importazzjoni ta' prodotti industrijali u teknoloġikament avvanzati mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-bażi industrijali trans-Atlantika u jtejjeb il-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet innovattivi u interoperabbli. Pass bħal dan jgħin biex tiġi żgurata relazzjoni kummerċjali aktar ibbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku f'dan is-settur strateġiku, filwaqt li jikkontribwixxi għall-kompetittività ekonomika ġenerali tal-Unjoni u r-reżiljenza tagħha fir-rigward tas-sigurtà. It-tnaqqis ta' dawk it-tariffi jipprovdi wkoll l-istabbiltà u l-prevedibbiltà meħtieġa għal azzjoni trans-Atlantika konġunta fil-protezzjoni tal-interessi strateġiċi kondiviżi tagħna fil-kuntest ġeopolitiku attwali, u jirrappreżenta pass siewi lejn kooperazzjoni aktar profonda fl-iżvilupp futur ta' ftehim trans-Atlantiku komprensiv.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-Unjoni ttenni l-impenn sod tagħha għal sistema kummerċjali multilaterali trasparenti, ġusta u bbażata fuq ir-regoli msejsa fuq il-prinċipji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). F'konformità mat-Trattati, l-

	Unjoni tibqa' impenjata li tavvanza l-valuri u l-interessi tagħha fix-xena globali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u ekwu u t-tisħiħ tad-dritt internazzjonali. Id-WTO tibqa' l-pedament tal-ordni kummerċjali globali u l-forum primarju għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli kummerċjali internazzjonali. Il-kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Istati Uniti, hija essenzjali biex tinżamm u tissaħħaħ dik is-sistema, biex jiġi ssalvagwardjat ambjent kummerċjali globali prevedibbli u bbażat fuq ir-regoli, biex tiġi avvanzata r-riforma meħtieġa tad-WTO u biex jinkiseb mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li jiffunzjona tajjeb.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 1e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) Filwaqt li għad hemm ċerti tensjonijiet kummerċjali, dawn issa qed jiġu ġestiti fi ħdan qafas ta' djalogu u koordinazzjoni li għadu kif ġie stabbilit. L-Unjoni tibqa' impenjata li tiżgura li r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tevolvi fuq żmien itwal bi qbil mal-prinċipji ta' kummerċ liberu u ġust bejn il-partijiet, u bi qbil mas-sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli tad-WTO mingħajr ma

	timmina miżuri oħra tal-politika kummerċjali inkluż fl-oqsma tad-difiża tal-kummerċ. L-objettiv huwa li jiġu inklużi setturi addizzjonali ta' sinifikat strateġiku għall-Unjoni u li jiġi konkluż ftehim ankrat f'qafas multilaterali u konsistenti mas-sistema kummerċjali tad-WTO bbażata fuq ir-regoli.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 1f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1f) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll ta' kunflitti oħra fil-viċinat tal-Unjoni li jimminaw is-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, huwa essenzjali li l-Unjoni żżomm u tkompli ssaħħaħ is-sħubija tagħha ma' alleat ewlieni fi żmien meta tali relazzjonijiet huma ta' importanza kritika. F'dak il-kuntest eċċezzjonali, l-Unjoni hija meħtieġa tadotta miżuri straordinarji u temporanji, debitament ġustifikati skont l-Artikolu XXI tal-GATT (Eċċezzjonijiet dwar is-Sigurtà). Madankollu, jenħtieġ li tali miżuri unilaterali ma jistabbilux preċedent u jenħtieġ li jibqgħu strettament eċċezzjonali, proporzjonati u limitati fiż-żmien, u b'hekk jirriflettu n-natura speċifika tagħhom bħala azzjonijiet ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom l-intenzjoni li d-Dikjarazzjoni Konġunta tkun l-ewwel pass fi proċess li jista' jiġi estiż aktar maż-żmien biex ikopri oqsma addizzjonali u jkompli jtejjeb l-aċċess għas-suq u jżid ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom.	(3) L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom l-intenzjoni li d-Dikjarazzjoni Konġunta tkun l-ewwel pass fi proċess li jista' jiġi estiż aktar maż-żmien biex ikopri oqsma addizzjonali u jkompli jtejjeb l-aċċess għas-suq u jżid ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom. ***L-Unjoni tibqa' impenjata li tkompli tinvolvi ruħha f'negozjati mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ta' benefiċċju reċiproku għal setturi importanti oħra tal-ekonomija tagħha, bħall-prodotti agroalimentari, kif ukoll il-prodotti industrijali, matul il-perjodu ta' sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-preferenzi tariffarji jew tal-kwoti tariffarji mogħtija lill-Istati Uniti.***

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li tapplika l-kontromiżuri b'reazzjoni għal miżuri mhux ġustifikabbli adottati mill-Istati Uniti.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6) Jenħtieġ li d-dazji doganali aġġustati u l-kwoti tariffarji japplikaw sakemm l-Istati Uniti jkunu qed jimplimentaw b’mod effettiv id-Dikjarazzjoni Konġunta.

(6) ***Peress li l-objettiv ewlieni tad-Dikjarazzjoni Konġunta huwa li tistabbilixxi qafas ċar għall-kummerċ trans-Atlantiku li jġib l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tant meħtieġa għall-esportaturi tal-Unjoni, kwalunkwe azzjoni mill-Istati Uniti li thedded li timmina dik l-istabbiltà u l-prevedibbiltà, kemm billi thedded li tvarja jew tiddevja mill-impenji tagħha skont id-Dikjarazzjoni Konġunta, jew kwalunkwe azzjoni oħra li tmur kontra l-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Konġunta jew mal-interferenza fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru, jenħtieġ li twassal għal sospensjoni tal-impenji tal-Unjoni skont id-Dikjarazzjoni Konġunta. Għalhekk,*** jenħtieġ li d-dazji doganali aġġustati u l-kwoti tariffarji japplikaw ***biss jekk u*** sakemm l-Istati Uniti jkunu qed jimplimentaw b’mod effettiv id-Dikjarazzjoni Konġunta. ***Kwalunkwe tariffa ġdida bħala riżultat ta’ kwalunkwe investigazzjoni li għaddejja jew futura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti jew ibbażata fuq kwalunkwe bażi legali simili oħra, li tidħol fis-seħħ wara l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta, u li taqbeż il-limitu tariffarju li jinkludi kollox ta’ 15 %, timmina l-ispirtu tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-għan tal-istabbiltà u għalhekk titqies bħala ksur tad-Dikjarazzjoni Konġunta, u jenħtieġ li twassal għas-sospensjoni tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.***

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Minħabba li d-dritt sovran u demokratiku tal-Unjoni li tirregola, u l-acquis communautaire, ma jistgħux jiffurmaw parti min-negozjati ma' kwalunkwe pajjiż terz, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi sospiża fil-każ ta' kwalunkwe tentattiv mill-Istati Uniti biex jużaw il-koerċizzjoni ekonomika, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], pereżempju permezz tal-applikazzjoni jew it-theddida tal-applikazzjoni ta' tariffi addizzjonali jew ta' kwalunkwe miżura oħra li taffettwa l-kummerċ jew l-investiment sabiex jipprevjenu jew jiksbu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru, biex imbagħad jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru. Minbarra s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina u teżamina dan it-theddid jew dawn il-miżuri użati mill-Istati Uniti f'konformità mal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2023/2675 u, fejn rilevanti, tadotta miżuri ta' rispons f'konformità mal-Artikolu 8 ta'

dak ir-Regolament.

_____

[1a] Ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (ĠUJ L, 2023/2675, 7.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2675/oj).

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu kundizzjonali fuq l-allinjament kontinwu tal-Istati Uniti mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni. Jekk l-Istati Uniti jieħdu azzjoni li tkun timmina direttament l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, inklużi l-integrità territorjali tagħhom u d-dimensjoni ekonomika tagħhom, u l-politiki barranin u ta' difiża tagħhom, il-mekkaniżmi ta' sospensjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu disponibbli biex jiġi żgurat li l-politika kummerċjali tal-Unjoni tibqa' konsistenti mal-objettivi tal-politika esterna u tas-sigurtà tagħha.

Emenda 12
Proposta għal regolament

Premessa 6c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6c) Dan ir-Regolament jagħti preferenzi tariffarji u kwoti tariffarji wiesgħa u eċċezzjonali lill-Istati Uniti, li potenzjalment jistgħu jwasslu għal żidiet fl-importazzjonijiet tal-oġġetti koperti minn dawk il-preferenzi u l-kwoti, li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ġie adottat mingħajr valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjah, u għalhekk l-impatt ekonomiku potenzjali tiegħu huwa diffiċli li jiġi stmat fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' salvagwardja, li l-għan tiegħu jkun li jipproteġi l-industrija tal-Unjoni u s-settur tal-agrikoltura, fil-każ li l-preferenzi tariffarji u l-kwoti tariffarji mogħtija minn dan ir-Regolament iwasslu għal tali żidiet fl-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. Meta tiġi rreġistrata żieda fil-volum ta' aktar minn 10 % tal-importazzjonijiet ta' ċertu oġġett, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq eżami biex tiddetermina jekk dik iż-żieda tikkawżax jew theddidx li tikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 6d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6d) Id-Dikjarazzjoni Konġunta ma tipprevedix l-applikazzjoni tal-limitu massimu tariffarju ta' 15 % għall-azzar u l-aluminju, u għalhekk ir-rati tad-dazju ta' 50 % introdotti qabel mill-Istati Uniti għadhom fis-seħħ. L-Unjoni u l-Istati Uniti esprimew l-intenzjoni tagħhom, fid-Dikjarazzjoni Konġunta, li jikkunsidraw il-possibbiltà li jikkooperaw dwar id-delimitazzjoni tas-swieq domestiċi rispettivi tagħhom mill-kapaċità żejda tal-azzar u tal-aluminju, filwaqt li jiżguraw ktajjen tal-provvista siguri bejniethom, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ta' kwoti tariffarji.

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 6e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6e) Fid-19 ta' Awwissu 2025, id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ħabbar iż-żieda ta' 407 kategoriji ta' prodotti mal-lista ta' prodotti tal-azzar u tal-aluminju "derivattivi" koperti mit-tariffi settorjali tat-Taqsima 232. B'riżultat ta' dan, il-kontenut ta' azzar u aluminju ta' dawk il-prodotti huwa soġġett għal rata ta' dazju ta' 50 %. L-impożizzjoni ta' dawk it-tariffi u tar-rekwiżiti amministrattivi u doganali kkumplikati, wara l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta, żiedet il-livell ta'

instabbiltà fil-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u wasslet għal konsegwenzi ekonomiċi serji għall-kumpaniji tal-Unjoni kkonċernati u għall-ħaddiema tagħhom. Dawk it-tariffi jaffettwaw ukoll b'mod sproporzjonat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-industriji downstream tal-Unjoni, filwaqt li jimminaw il-kompetittività tagħhom fis-suq tal-Istati Uniti u jwasslu għal telf potenzjali fit-tul tas-sehem mis-suq u għal ħsara dejjiema lill-ktajjen tal-provvista industrijali trans-Atlantiċi. L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom jaslu għal konklużjoni rapida u ta' benefiċċju reċiproku għan-negozjati li għaddejjin bħalissa bl-għan li jsolvu dan it-tilwim dwar it-tariffi u jerġgħu jiksbu relazzjonijiet kummerċjali trans-Atlantiċi stabbli. F'dan il-kuntest, is-sospensjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti jenħtieġ li tieqaf tapplika sitt xhur mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6, it-tielet paragrafu sakemm qabel tmiem dik id-data ma jinstabux soluzzjonijiet sostenibbli u aċċettabbli b'mod reċiproku dwar il-kummerċ tal-azzar, tal-aluminju u tal-prodotti derivattivi tagħhom f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-istrument propost tal-Unjoni li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fis-suq tal-azzar tal-

	Unjoni, l-eliminazzjoni tat-tariffi fuq il-prodotti tal-azzar jenħtieġ li tkun konsistenti ma' dak l-istrument il-ġdid.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 6f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6f) Id-Dikjarazzjoni Konġunta ma tkoprix vetturi heavy-duty u l-parts tagħhom. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni li għaddejja tad-Dikjarazzjoni Konġunta, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Uniti jittrattaw il-vetturi tqal u l-parts tagħhom bl-istess mod bħall-karozzi tal-passiġġieri u l-parts tagħhom, bl-għan li jinkluduhom taħt it-tariffa fissa ta' 15 %, u għall-miżuri rilevanti kollha biex jiġi żgurat trattament ġust u proporzjonat bi qbil mal-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġu ***żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni*** ta' ***dan ir-Regolament***, ***jenħtieġ*** li ***l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'ċirkostanzi speċifiċi***. ***Jenħtieġ*** li dawk ***is-setgħat ikunu eżerċitati*** f'konformità ***mar-***	(7) Sabiex ***tiġi ddeterminata d-data tal-bidu tal-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji jew tal-kwoti tariffarji mogħtija lill-Istati Uniti b'dan ir-Regolament,*** jiġu ***sospiżi kompletament jew parzjalment il-preferenzi tariffarji jew il-kwoti tariffarji u tiġi emendata l-lista*** ta' ***oġġetti li għalihom ikunu ngħataw il-preferenzi***

Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

tariffarji, ***is-setgħa*** li ***jiġu adottati atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni***. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u*** li dawk ***il-konsultazzjonijiet jitwettqu*** f'konformità ***mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[3]***. ***B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament*** Ewropew u ***l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin*** li ***jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri,*** u ***l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija*** ta' ***atti delegati.***

---

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

---

[3] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-aċċess għas-suq tal-Unjoni huwa u jenħtieġ li jibqa' kundizzjonali fuq il-konformità ma' kwalunkwe dritt applikabbli tal-Unjoni, inkluż mal-Mekkaniżmu tal-UE ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-fruntieri, id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà u r-regoli kontra d-deforestazzjoni, irrispettivament minn liema ġuriżdizzjoni joriġinaw il-prodotti;

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta, fuq bażi regolari, l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-flussi kummerċjali, il-livelli tal-produzzjoni, u d-dinamika tal-prezzijiet, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Artikoli 1 u 2. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mas-setturi rilevanti tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-ġbir sistematiku tad-data u l-iskambju regolari ta' informazzjoni biex tippermetti l-identifikazzjoni f'waqtha ta' kwalunkwe distorsjoni jew żbilanċ tas-suq.

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi rispons urġenti għal sitwazzjoni eċċezzjonali u volatili u jista' jkollu konsegwenzi estensivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi limitata. L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-industrija tal-Unjoni u fuq il-produtturi tal-frott tal-baħar u tal-prodotti agrikoli, kif ukoll fuq il-konsumaturi, jenħtieġ li jiġi ppubblikat sa ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Sa ... [sitt xhur qabel id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva addizzjonali, meta xieraq, akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex testendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni tal-impatt jenħtieġ li tiddetermina, fost l-oħrajn, jekk dan ir-Regolament ħoloqx danni u żbilanċi f'setturi speċifiċi inkluż fir-rigward tal-prezzijiet u l-istabbiltà tas-suq, kif inbidlu x-xejriet kummerċjali tal-Unjoni bħala konsegwenza tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti kif ukoll l-impatt u l-previżjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament fuq il-baġits tal-Unjoni u dawk nazzjonali, minħabba t-tnaqqis fid-dħul mit-tariffi miġbur.

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 8d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8d) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jinżammu infurmati b'mod sħiħ, regolari u f'waqtu dwar l-iżviluppi rilevanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq matul il-proċess kollu.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fid-dawl tal-imoprtanza li jiġi evitat tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.	(9) Fid-dawl tal-importanza li jiġi evitat tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu. ***Madankollu, wara s-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti dwar l-użu tal-Att Internazzjonali dwar is-Setgħat Ekonomiċi ta' Emerġenza għall-impożizzjoni ta' tariffi bażi fuq is-sħab kummerċjali tal-Istati Uniti u l-bidliet fil-livelli tariffarji fuq xi prodotti tal-Unjoni li jaqbżu l-limiti massimi miftiehma fid-Dikjarazzjoni Konġunta, u wara t-tnedija ta' investigazzjonijiet ġodda tat-Taqsima 301 u tat-Taqsima 232 li għaddejjin bħalissa u l-użu potenzjali ta' kwalunkwe bażi legali oħra, flimkien mal-inċertezza kummerċjali li***

	għaddejja bħalissa, huwa meħtieġ li jiġi previst li l-preferenzi tariffarji u l-kwoti tariffarji mogħtija mill-Unjoni lill-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jibdew japplikaw biss mid-data ddeterminata minn att delegat, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati[+] skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament tiegħu fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-Ftehim Interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].
	_____
	[+] Pro memoria: Valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew

tal-11 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (COM(2025)0471).

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 23
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aġġustament tad-dazji doganali	***Sospensjoni*** tad-dazji doganali

Emenda 24
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness I u li joriġinaw mill-Istati Uniti għandhom ikunu ***ta' 0 %***.	1. Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness I u li joriġinaw mill-Istati Uniti għandhom ikunu ***sospiżi***.

Emenda 25
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4b, is-sospensjoni tad-dazji doganali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data ta' tmiem l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu.

Emenda 26
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sospensjoni	Sospensjoni ***tal-applikazzjoni***

Emenda 27
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta ***att ta' implimentazzjoni*** li ***jissospendi*** kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew l-Artikolu 2 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li*** tadotta***, f'konformità mal-Artikolu 4d, atti delegati*** li ***jemendaw l-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III ta' dan ir-Regolament sabiex tissospendi*** kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew l-Artikolu 2***, wara eżami bbażat fuq informazzjoni sostanzjata miġbura fuq inizjattiva tagħha stess jew li rċeviet minn kwalunkwe sors affidabbli, inkluż Stat Membru, il-Parlament Ewropew jew il-produtturi tal-Unjoni*** fiċ-

ċirkostanzi li ġejjin:

Emenda 28
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fejn l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta jew inkella jimminaw l-objettivi segwiti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;	(a) fejn l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta jew inkella jimminaw l-objettivi ***tat-titjib tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u l-objettivi*** segwiti mid-Dikjarazzjoni Konġunta ***li jiġi promoss kummerċ reċiproku, ġust u bbilanċjat***, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, ***jiddiskriminaw kontra jew jimmiraw lejn operaturi ekonomiċi tal-Unjoni li għandhom l-għan li joperaw, jew li diġà joperaw, fl-Istati Uniti*** jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;

Emenda 29
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) meta l-Istati Uniti jimponu tariffi addizzjonali fuq l-oġġetti importati mill-Unjoni li jaqbżu l-limitu massimu tat-tariffa ta' 15 %, jew bi kwalunkwe mod ieħor jgħollu jew jimponu dazji doganali ġodda jew dazji, taxxi jew tariffi oħra fuq l-oġġetti tal-Unjoni filwaqt li t-termini

	tad-Dikjarazzjoni Konġunta jibqgħu applikabbli, jew jimmodifikaw il-klassifikazzjoni tal-prodott bl-effett li jgħollu l-livell tat-tariffa;

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) fil-futur;	(b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) ***jew fil-punt (aa)*** fil-futur;

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn l-aġġustament tad-dazji doganali msemmija fl-Artikolu 1, jew il-ftuħ ta' kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 2, jirriżulta fl-importazzjoni ta' oġġett li joriġina fl-Istati Uniti f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika tal-Unjoni;	***imħassar***

Emenda 32
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta tkun seħħet bidla fiċ-	(d) meta tkun seħħet bidla fiċ-

ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta’ dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta.	ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta’ dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta, ***b’mod partikolari fir-rigward ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll theddid għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, inkluż l-integrità territorjali tagħhom u d-dimensjoni ekonomika tagħhom, u għall-politiki barranin u ta’ difiża tagħhom.***

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ta’ implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi adottat f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 4(2).	***Meta l-Kummissjoni tissospendi parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew*** tal-Artikolu ***2, għandha temenda l-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III billi timmodifika r-rati tariffarji applikabbli, il-kwoti tariffarji jew l-ambitu tal-oġġetti koperti rispettivament.***

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn l-Istati Uniti japplikaw jew jheddu li japplikaw tariffi addizzjonali jew kwalunkwe

	miżura oħra li taffettwa l-kummerċ jew l-investiment sabiex jipprevjenu jew jiksbu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru, u b'hekk jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, twettaq eżami bbażat fuq informazzjoni sostanzjata miġbura fuq inizjattiva tagħha stess jew riċevuta minn kwalunkwe sors affidabbli, inkluż Stat Membru, il-Parlament Ewropew jew il-produtturi tal-Unjoni. Meta l-eżami jwassal għal tali konklużjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 4d, atti delegati li jemendaw l-Annessi I, II jew III ta' dan ir-Regolament sabiex tissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta, fil-każ ta' tibdil f'daqqa fiċ-ċirkostanzi b'rabta ma' dawk eżistenti fiż-żmien meta tinħareġ id-Dikjarazzjoni Konġunta, li jaffettwaw serjament l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha inklużi l-integrità territorjali tagħhom u d-dimensjoni ekonomika tagħhom, raġunijiet

	imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 4e għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1.	2. L-***atti delegati*** msemmija fil-***paragrafi 1, 1a u 1b ta' dan l-Artikolu*** għandhom japplikaw sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-***paragrafi 1, 1a u 1b ta' dan l-Artikolu, rispettivament, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu. Meta l-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw sospensjoni ma għadhomx japplikaw, għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 4d, biex temenda l-Anness 1, l-Anness II jew l-Anness III għal dan ir-Regolament sabiex terġa' tintroduċi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2, jew, fil-każ imsemmi fil-***paragrafu 1, ***it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, terġa' tintroduċi r-rati tariffarji, il-kwoti tariffarji jew l-ambitu tal-oġġetti elenkati fl-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III rispettivament.***

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
_____	
Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kodifikazzjoni) (ĠU L 272, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj).	

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Mekkaniżmu ta' salvagwardja

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-swieq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta, f'konformità mal-Artikolu 4d, atti delegati li jemendaw l-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III ta'dan ir-Regolament sabiex tissospendi temporanjament għalkollox jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2, wara eżami bbażat fuq informazzjoni sostanzjata miġbura fuq inizjattiva proprja jew riċevuta minn kwalunkwe sors affidabbli, inkluż Stat Membru, il-Parlament Ewropew jew produtturi tal-Unjoni fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2, tirriżulta fl-importazzjoni ta' oġġett li joriġina fl-Istati Uniti f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, bħala regola, tittratta, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet kuntrarji, żieda fil-volum ta' aktar minn 10 % sena wara sena tal-importazzjonijiet ta' oġġett kopert mill-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III, bħala evidenza prima facie ta' dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni. Fejn tiġi rreġistrata tali żieda fil-volumi tal-importazzjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien

tibda eżami biex tiddetermina jekk iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet tikkawżax jew theddidx li tikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. L-eżami għandu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur mill-ftuħ tiegħu. Meta l-eżami jwassal għall-konklużjoni li ż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 4d.

3. Meta tadotta l-att delegat msemmi fil-paragrafu 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha:

(a) fir-rigward tal-oġġetti koperti mill-Annessi I u II: temenda l-Anness I jew l-Anness II kif xieraq sabiex jiġu sospiżi l-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għal importazzjonijiet tal-oġġetti kkonċernati; jew

(b) fir-rigward tal-oġġetti koperti mill-Anness III: temenda l-Anness III kif xieraq sabiex tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-kwota tariffarja miftuħa għall-oġġetti kkonċernati;

4. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw sad-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu. Meta l-Kummissjoni ssib li r-raġunijiet li jiġġustifikaw sospensjoni ma jkunux għadhom japplikaw, hija għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-

Artikolu 4d, sabiex temenda l-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III ta' dan ir-Regolament, rispettivament, sabiex terġa' ddaħħal l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew tal-Artikolu 2.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "industrija tal-Unjoni" tfisser jew il-produtturi kollha ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta li joperaw fit-territorju tal-Unjoni inkella produtturi tal-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta normalment tikkostitwixxi aktar minn 50 % u f'ċirkostanzi eċċezzjonali mhux anqas minn 25 % tal-produzzjoni totali ta' tali prodott. It-terminu "produtturi tal-Unjoni" għandu jinkludi l-produtturi tal-Unjoni ta' oġġetti industrijali, kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni tal-frott tal-baħar u tal-oġġetti agrikoli koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-azzar, l-aluminju u l-prodotti derivattivi tagħhom
	1. Għall-kategoriji ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, is-sospensjoni tad-dazji doganali msemmija fl-

Artikolu 1(1) għandha tieqaf tapplika sitt xhur mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 2, 3, 4a u 4b imsemmija fl-Artikolu 6, it-tielet paragrafu.

2. Il-kategoriji tal-oġġetti kkonċernati għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda 72;

(b) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda 73;

(c) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda 76.

3. Jekk, qabel id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Uniti jkunu naqqsu għal massimu ta' 15 %, inkluża t-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (MFN) tal-Istati Uniti, it-tariffi rispettivi tagħhom fuq prodotti li joriġinaw mill-Unjoni b'kontenut ta' azzar u aluminju ogħla minn 50 %, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta, f'konformità mal-Artikolu 4d, att delegat sabiex tiddifferixxi d-data tat-tmiem tal-applikazzjoni, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għal data mhux aktar tard mid-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta tali atti delegati, sakemm tippersisti kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi għas-sospensjoni tal-applikazzjoni imsemmija fl-Artikolu 3(1) jew

(1a).

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4c
	Determinazzjoni tad-data tal-bidu tal-applikazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-Artikolu 4d, att delegat li jemenda l-Artikolu 6, it-tielet paragrafu, sabiex tiddetermina d-data minn meta għandhom japplikaw l-Artikoli 1, 2, 3, 4a u 4b. Hija għandha tadotta tali att delegat meta, u biss jekk, ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) l-Istati Uniti japplikaw rata tariffarja mhux ogħla mir-rata tariffarja tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (MFN) tal-Istati Uniti jew rata tariffarja ta' massimu ta' 15 %, inkluża t-tariffa MFN tal-Istati Uniti, fuq oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni;
	(b) l-Istati Uniti japplikaw it-tariffa tal-pajjiż l-aktar iffavorit tal-US għall-prodotti tal-Unjoni li ġejjin: riżorsi naturali mhux disponibbli, inklużi s-sufra, l-inġenji tal-ajru kollha u l-partijiet tagħhom kollha, il-farmaċewtiċi ġeneriċi u l-ingredjenti tagħhom, u l-prekursuri kimiċi;
	(c) l-Istati Uniti tapplika rata tariffarja ta' massimu ta' 15 %, inkluża t-tariffa tan-nazzjon l-aktar iffavorit tal-US,

fuq l-oġġetti li ġejjin li joriġinaw mill-Unjoni: farmaċewtiċi, semikondutturi, injam ippreparat, karozzi u partijiet tal-karozzi;

(d) l-Istati Uniti japplikaw rata tariffarja ta' massimu ta' 15 % fuq prodotti b'kontenut ta' azzar u aluminju ta' anqas minn 50 %;

Barra minn hekk, meta tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istati Uniti pprovdewx assigurazzjonijiet formali, ċari u preċiżi li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) ta' dak is-subparagrafu ġew issodisfati u li dawk il-kundizzjonijiet se jkomplu jiġu ssodisfati fil-futur.

2. Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta att delegat f'konformità mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, sakemm tippersisti kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi għas-sospensjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 3(1) jew (1a).

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4d
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(1), (1a) u (2), l-Artikolu 4a, l-Artikolu 4b u l-Artikolu 4c għandha tingħata lill-Kummissjoni minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa ... [id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1), (1a) u (2), l-Artikolu 4a, l-Artikolu 4b u l-Artikolu 4c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(1), (1a) u (2), l-Artikolu 4a, l-Artikolu 4b u l-

	Artikolu 4c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4e
	Proċedura ta' urġenza
	1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.
	2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 4d(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta'

oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Evalwazzjoni u rapportar
	1. Sa ... [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-impatti ekonomiċi u ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tindika:
	(a) l-impatt tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kollha bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti; u
	(b) bidliet fil-flussi kummerċjali u effetti distributtivi madwar l-Istati Membri u s-setturi.
	2. Sa ... [sitt xhur qabel id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva addizzjonali. Dik il-valutazzjoni tal-impatt għandha teżamina, fost l-oħrajn:
	(a) l-impatt tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet kollha bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;
	(b) bidliet fil-flussi kummerċjali u effetti

distributtivi madwar l-Istati Membri u s-setturi;

(c) kwalunkwe impatt mhux tariffarju identifikat rilevanti għas-suq intern u għall-konsumaturi;

(d) l-effetti fuq il-kompetittività, il-produtturi tal-Unjoni, inkluż fuq il-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti agroalimentari, u l-SMEs;

(e) l-iżviluppi politiċi tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(f) il-livell ta' progress fin-negozjati bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti biex jinkisbu l-impenji deskritti fid-Dikjarazzjoni Konġunta, inkluż l-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji;

(g) jekk ir-Regolament ħoloqx danni u żbilanċi f'setturi speċifiċi inkluż fir-rigward tal-prezzijiet;

(h) kif ix-xejriet kummerċjali tal-Unjoni nbidlu fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi bħala konsegwenza tal-politika kummerċjali tal-Istati Uniti u l-ftehimiet bilaterali tal-Istati Uniti ma' pajjiżi terzi;

(i) l-impatt u l-previżjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġits tal-Unjoni u dawk nazzjonali, minħabba t-tnaqqis fid-dħul mit-tariffi miġbur;

(j) l-implikazzjonijiet għall-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni kif ukoll għall-politika esterna, inkluża dik tas-sħubija fid-WTO;

	(k) il-kostijiet tal-piż regolatorju li jirriżultaw mill-konformità mat-tariffi tal-Istati Uniti, inkluż fir-rigward tad-dazji tat-Taqsima 232.
	Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-data u l-metodoloġija sottostanti tal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha disponibbli għall-pubbliku.
	Fejn xieraq, il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva għall-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, il-valutazzjoni tal-impatt għandha tivvaluta r-raġunijiet kollha għal tali estensjoni, inkluż fir-rigward tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
	3. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati, regolarment f'kull stadju u filħin, dwar l-iżviluppi rilevanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-informazzjoni riċevuta, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jistiednu, meta jkun xieraq, lill-Kummissjoni għal skambju ta' fehmiet.

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dħul fis-seħħ	Dħul fis-seħħ ***u applikazzjoni***

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għandha tapplika minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Marzu 2028.

Emenda 46
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Madankollu, l-Artikoli 1, 2, 3, 4a u 4b għandhom japplikaw biss mid-data determinata minn att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 4c.